**27. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech jipproponi:**

Billi l-Parlament ta' Malta huwa Membru sħiħ tal-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran; u

Billi, skont l-Artiklu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tal-istess Assemblea, id-delegazzjoni Maltija għas-sessjonijiet tal-Assemblea jista' jkun fiha sa massimu ta' ħames rappreżentanti li għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri tal-Parlament;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

L-Onor. Justyne Caruana – Kap tad-delegazzjoni

L-Onor. Joseph M. Sammut

L-Onor. Silvio Schembri

L-Onor. Albert Fenech

L-Onor. Stephen Spiteri

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor. Etienne Grech

L-Onor. Clyde Puli

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

25.04.13